# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 23 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Sean Micallef**

**Kumpilazzjoni Nru: 804/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sean Micallef detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 271593M.

Akkuzat talli f'xi hin filghodu tad-29 ta Settembru 2015 , minn gewwa il-Golden 7, triq il-Wied ta l-Msida, Msida kkometta serq ta tmien kaxxi birra u zewg kaxxi Juice ghad-detriment ta Amir Fareed u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin.

Akkuzat ukoll talli f'xi hin bejn it-23 ta Ottubru 2015 u l-24 ta Ottubru 2015 minn gewwa, 172, Youth cafe, triq il-Wied, Msida kkometta serq ta diversi ogetti fosthom 'television' u 'game consoles' ghad-detriment ta Agenzija Zghazagh u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur liema ammont ma jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

U aktar ukoll talli sar recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittivi u ma tistghax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, kif ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni fi stadju bikri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issibu hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**